MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 238/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Mejju 1991 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibbli u dan ghar-ragunijiet diga’ migjuba quddiem il-Medjatur Audrienne Spiteri Gonzi u fejn l-istess medjatur indikat illi l-medjazzjoni ma setghetx isehh peres li r-ragel

ma giex ghall-appuntamenti u ghalhekk il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta’ digriet tal-14 ta’ Gunju 2004 iddikjarat li l-medjazzjoni hija maghluqa w awtorizzat lil A tipprocedi ghas-separazzjoni personali skond l-aggravji ndikati;

Illi peress li dawn ir-ragunijiet huma sevizzi, ingurji gravi, theddid u abbandun *oltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha Demicoli;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta’ xhieda u tad-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti konsistenti fid-Digret mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 14 ta’ Gunju, 2004.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 14 ta’ Lulju 2004, a fol. 7 fejn talbet bir-rispett illi fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti joghgobha kompatibbilment mal-***work load*** enormi li ghandha li tappunta din il-kawza ghas-smigh fl-iqsar zmien possibbli u dan minhabba n-natura tal-kaz u t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni odjerna, salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha li huwa sewwa u xieraq.

Rat id-digriet datat 15 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici, tal-avviz tal-appuntament tal-kawza, tad-digriet nota guramentata u tad-digriet affidavit tal-partijiet lill-kontroparti, appuntat il-kawza ghat-trattazzjoni ghat-12 ta’ Ottubru 2004 u appuntat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex sa l-ahhar ta’ Settembru 2004 tappunta seduta ghal kull parti ghall-konkluzjoni tal-provi.

Rat id-digriet nota guramentata moghti wkoll lill-attrici fil-15 ta’ Lulju 2004 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretensjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta’ nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilx.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti ukoll fil-15 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw l-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attrici A, datata 14 ta’ Lulju 2004, a fol. 19, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u dak ta’ Romina Manai.

Rat ir-rikors ta’ A datat 20 ta’ Awissu 2004, fejn hi talbet bir-rispett li din il-Qorti jogghobha tawtorizza lir-rikorrenti tinnotifika lil konvenut bic-citazzjoni, avviz tas-smiegh u affidavit wara l-hinijiet legali, salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidrilha li huwa sewwa u xieraq.

Rat id-Digriet tal-23 ta’ Awissu, 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici A, datat 17 ta’ Settembru 2004, a fol. 31, fejn talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzha tinnotifika lil B bil-procedura tal-pubblikazzjoni w affissjoni, b’ dan illi l-pubblikazzjoni ssir f’ gazzetta lokali wahda biss salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha li huwa sewwa u xieraq.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Settembru 2004, a fol. 32, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-attrici datata 14 ta’ Marzu, 2003 li permezz taghha esibit l-affidavit taghha datat 13 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Ottubru, 2004.

Rat in-nota tal-attrici A datata 7 ta’ Jannar 2005, a fol. 35, li permezz taghha prezentat estratt mill-Gazzetta *“The Times”* u iehor mill-Gazzetta *“Orizzont”* fejn jidher l-avviz tal-kawza.

Rat l-avviz fil-Gazetta tal-Gvern datat 21 ta’ Dicembru 2004.

Rat l-affisjoni datata 22 ta’ Ottubru 2004.

Rat li l-konvenut ma’ pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u baqa’ kontumaci.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Jannar 2005, fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-attrici ddikjarat li ma hemm xejn x’jigi likwidat fil-komunjoni u li l-attrici mhux qed tesigi hlas ta’ manteniment. Iddikjara wkoll li seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju ma kienx hemm bzonn. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005.

Rat x-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>Provi</u>

Rat l-affidavit tal-attrici **A** minn fol. 20 sa fol. 22 u l-affidavit ta’ oht l-attrici **Romina Manai** a fol. 23 u fol. 24 tal-process. Tali affidavits gew prezentati permezz ta’ nota datata 14 ta’ Lulju 2004.

## (ii) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Mejju 1991 u jidher car mill-istess xhieda ta' l-attrici li kien il-konvenut li kien hati ghal din il-firda personali bejn il-partijiet, u dan peress li kien xhih ma' martu tant li lanqas kien jaghddilha manteniment bizzejjed ghaliha; izda dan ma kienx bizzejjed peress li jidher li l-istess konvenut, minkejja li zzewweg baqa' jghix hajja ta' guvni u kien spiss johrog wahdu u jhalli lill-attrici d-dar; dan apparti li kien jinsulenta, u jbaxxiha quddiem in-nies; jidher li l-istess attrici ghexet din il-hajja ghal hames snin nofs shah, sakemm skopriet li l-istess konvenut kellu relazzjoni adultera ma' mara mizzewga u meta l-istess konvenut ikkonfronta mall-attrici dwar dan, l-istess konvenut abbanduna d-dar konjugali fis-17 ta' Lulju ta' cirka tmien snin u nofs ilu. Jidher li l-istess attrici ppruvat anke dan l-ahhar tirregola legalment din is-separazzjoni taghha, izda kien kollu ghal xejn u ghalhekk saret din il-kawza.

Illi ghalhekk jidher minn dan kollu, ikkorroborat kif indikat fl-atti mix-xhieda ta' Romina Manai li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'sevizzi, ingurji gravi theddid u abbandun, li kawza ta' l-istess il-hajja bejn il-konjugi ilha li ma' ghadhiex aktar possibbli.

Illi din il-Qorti tilqa' wkoll it-tieni talba u tiddikjara ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mit-13 ta' April 2004, u tiddikjara li peress li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma' fiha xejn ta' valur, ma' hemm xejn x'jigi ghalhekk likwidat u diviz.

Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi milqugha.

## KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut u dan *stante* li l-istess konvenut kien hati verso l-attrici ta' sevizzi, ingurji gravi, theddid u abbandun, li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli;

2. Tilqa' din it-talba b'dan li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet b'effett mit-13 ta' April 2004, u tiddikjara li peress li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma' fiha xejn ta' valur, ma' hemm xejn x'jigi ghalhekk likwidat u diviz;

3. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha Demicoli;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------